# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI TA' MALTA

## MAGISTRAT DR FRANCESCO DEPASQUALE

**Seduta ta' nhar il-Hamis tnax (12) ta' Novembru 2015**

**Rikors Numru 211/15 FDP**

**Fl-atti tal-mandat ta' sekwestru ezekuttiv numru 1537/15 fl-ismijiet**

**Raymond Barbara (ID 219670M)**

**Vs**

**Montaldo Insurance Agency Limited (C 1052) bhala agent tas-socjeta estera AIG Europe Limited**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors ippresentat fil 21 ta' Lulju 2015 minn Montalto Insurance Agency Limited bhala agent tas-socjeta estera AIG Europe Limited kif ukoll id-dokumentazzjoni minnha ippresentati.

Rat ir-risposta ippresentata fis 26 ta' Ottubru 2015 ta' Raymond Barbara.

Rat illi fis 26 ta' Ottubru 2015 il-kawza giet differita ghas-sentenza fuq in-noti illi kienus aru.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta illi s-socjeta rikorrenti kienet harget polza ta' l-assikurazzjoni ghall-vettura FAH997 lill Chris Scerri fl-4 ta' Mejju 2012 ghall-periodu ta' tnax-il xahar.

Jirrizulta illi fit 30 ta' Lulju 2012 is-socjeta rikorrenti ghazlet illi tikkancella l-polza ta' l-assikurazzjoni u dana b'effett mis-7 ta' Awissu 2012.

Jirrizuta illi fis 16 ta' Marzu 2013 sehh incident awtomobilistiku illi kien jinvolvi l-vettura misjuqa minn Chris Scerri, FAH 997, li fil-mument tal-incident kienet assikurata mas-socjeta rikorrenti Montalto Insurance Agency Limited.

Jirrizulta illi permezz ta' Ittra Ufficjali mahruga a tenur tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta, is-socjeta rikorrenti giet mgharrfa mill-intimat li kienu nbdew proceduri arbitrali kontra Chris Scerri in vista ta' l-incident fuq imsemmi.

Jirrizulta, mid-dokumentazzjoni kollha esebita mill-istess rikorrenti, illi ghalkemm gharrfet lill-assikurat taghha Chris Scerri illi ma kienetx ser tkoprih aktar, ma jirrizultax illi c-certifikat tal-assikurazzjoni minnha mahrug gie ritornat lill-istess socjeta rikorrenti u ma jirrizultax illi s-socjeta rikorrenti hadet xi proceduri kontra l-istess assikurat taghha, Chris Scerri, a tenur ta' l-Artikolu 10 (2)(c)(iii) u (iv) tal-Kap 104.

**Ikkunsidrat**

Tosserva illi la darba s-socjeta rikorrenti ma haditx il-passi kollha rikjesti mill-Ligi sabiex tezimi ruhha mir-responsabbiltajiet kollha gravanti fuqha a tenur ta' l-Artikolu 10 (1) tal-Kap 104, l-istess socjeta rikorrenti ghandha tonora l-effetti kollha ta' l-istess Artikolu 10(1) tal-Kap 104, inkluz illi tonora kull sentenza illi tkun inghata kontra l-assikurat taghha, Chris Scerri.

Ghalhekk, it-talba rikorrenti ma jisthoqqx illi illi tintlaqa'.

**Konkluzjoni**

Il-Qorti,

Wara illi rat ir-rikors u in-nota risponsiva tal-partijiet

Wara illi rat id-dokumentazzjoni kollha esebita quddiemha

Tghaddi biex taqta u tiddeciedi l-vertenza billi

**Tilqa** l-eccezzjonjiet ta' l-intimat u ghalhekk

**Tichad** it-talba attrici.

Spejjez tal-proceduri odjerni ghandhom ikunu kollha a kariku tas-socjeta rikorrenti.

**Magistrat Francesco Depasquale**

**Graziella Attard – Dep. Reg.**